

Brussell, 8 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

9110/26

EF 148  
ECOFIN 601  
DELECT 87

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2876 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'7.5.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/980 fir-rigward tal-format u s-sekwenza standardizzati u l-kontenut simplifikat, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2876 final.

Mehmuż: C(2026) 2876 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.5.2026  
C(2026) 2876 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'7.5.2026**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/980 fir-rigward tal-format u s-sekwenza standardizzati u l-kontenut simplifikat, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> ħoloq sett ġdid u armonizzat ta' regoli biex jgħin lill-kumpaniji jiġbru l-flus fis-swieq kapitali biex jinvestu u jikbru u biex jgħin lill-investituri jagħmlu deċiżjonijiet ta' investiment iktar informati. Ir-Regolament (UE) 2017/1129 jistabbilixxi r-rekwiżiti għat-tnejn, l-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' prospett meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għan-negożjar f'suq regolat. Prospett huwa dokument li jipprovdi informazzjoni dwar kumpanija u t-titoli li toffri lill-pubbliku jew li tftitex li tammetti għan-negożjar f'suq regolat. L-investituri jużaw prospetti biex jiddeċiedu jekk jinvestux jew le.

Bħala parti mill-Att dwar il-Kwotazzjonijiet, li jirrappreżenta inizjattiva reċenti bil-għan li toħloq ekosistema tal-kwotazzjoni li tagħmilha attraenti, affordabbli u ta' sodisfazzjon għall-kumpaniji biex jikkwotaw it-titoli tagħhom fis-swieq pubbliċi tal-UE, ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> emenda r-Regolament (UE) 2017/1129 biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-emittenti u jittaffa l-piż fuqhom filwaqt li l-prospetti jsiru aktar utli għall-investituri. B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2024/2809: (i) standardizza l-format u s-sekwenza u ssimplifika r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għall-prospetti; (ii) stabbilixxa limitu massimu ta' paġni għall-prospetti għall-ishma; (iii) introduċa eżenzjonijiet għall-ħruġ ta' titoli ta' segwitu minn kumpaniji diġà kkwotati fil-Borża; (iv) armonizza r-regoli dwar l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospetti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; u (v) iippermetta l-inkorporazzjoni b'referenza ta' informazzjoni finanzjarja futura fi prospetti bażi. Ir-Regolament (UE) 2024/2809 introduċa wkoll it-tipi ġodda li ġejjin ta' prospetti mqassra: (i) il-Prospett ta' Segwitu tal-UE, imfassal għal offerti pubbliċi jew ammissjoni għall-kummerċ minn kumpaniji diġà kkwotati f'suq regolat jew f'suq tat-tkabbir tal-SMEs; u (ii) il-prospett tal-ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir, imfassal biex jimminimizza l-kostijiet u l-piż amministrattiv għall-SMEs, kumpaniji kkwotati jew kumpaniji li għandhom jiġu kkwotati fuq swieq tat-tkabbir tal-SMEs.

Fid-19 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti<sup>3</sup>. Waħda mill-miżuri ta' politika proposti f'dik il-Komunikazzjoni tenfasizza li l-Att dwar il-Kwotazzjonijiet, li jinkludi r-Regolament (UE) 2024/2809, għandu jiġi implimentat b'regoli sempliċi biex jiġu minimizzati l-piżijiet u tissaħħaħ il-likwidità, u b'hekk tizzied il-provvista tal-kapital lill-kumpaniji kkwotati u titjeb l-attraenza tas-swieq pubbliċi tal-UE<sup>4</sup>. Dan ir-Regolament jirrappreżenta stadju importanti fil-kisba ta' dawk l-oġettivi kif ukoll tal-oġettivi ġenerali tal-Att dwar il-Kwotazzjonijiet.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12. ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1129/oj>).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1129, (UE) Nru 596/2014 u (UE) Nru 600/2014 sabiex is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni jsiru aktar attraenti għall-kumpaniji u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u medji (ĠU L, 2024/2809, 14.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2809/oj>).

<sup>3</sup> COM(2025) 124 final. Jinsab hawn: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52025DC0124>.

<sup>4</sup> "Fl-implimentazzjoni tal-Att dwar il-Kwotazzjonijiet, il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli tal-UE tal-kwotazzjoni kif stabbiliti fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni jkunu sempliċi u li l-piżijiet jiġu

Peress li l-kontenut imnaqqas u l-format u s-sekwenza standardizzati tal-Prospett ta' Segwitu tal-UE u tal-Prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir ġew stabbiliti f'att delegat separat, dan ir-Regolament jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980<sup>5</sup> biex jistabbilixxi r-regoli għall-prospett ewlieni applikabbli għat-tipi kollha ta' offerta ta' titoli lill-pubbliku jew ta' ammissjonijiet għan-negozjar f'suq regolat (inkluż għal offerti pubbliċi inizjali jew IPOs) u għat-tipi kollha ta' emittenti u titoli. Huwa għandu l-għan li jagħmel dan li ġej:

- (1) Li jissimplifika l-kontenut tal-prospett billi jallinjah mal-livell attwali ta' divulgazzjoni tal-prospett tat-Tkabbir tal-UE li skada fil-5 ta' Marzu 2026 (u ġie sostitwit mill-prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir), filwaqt li tittieħed bħala bażi l-informazzjoni stabbilita fl-Annessi I, II u III tar-Regolament (UE) 2017/1129, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/2809.
- (2) Li jistandardizza l-format u s-sekwenza tal-prospett, jiddistingwi bejn titoli ta' ekwità u mhux ta' ekwità, u bejn prospetti mfassla bħala dokument uniku jew bħala dokumenti separati, inkluż fejn il-prospett jikkonsisti fi prospett bażi. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jagħmel dan li ġej:
  - (a) Jintroduċi format aktar standardizzat għat-titoli ta' ekwità, filwaqt li jippermetti flessibilità akbar għall-kategorija wiesgħa ta' titoli mhux ta' ekwità. F'każ ta' titoli mhux ta' ekwità, jistgħu jintużaw formati differenti ta' prospett, bħal prospett bażi fil-każ ta' programmi ta' offerta.
  - (b) Jippermetti l-użu ta' format aktar flessibbli għal ċerti tipi ta' titoli li, għalkemm jikkwalifikaw bħala titoli ta' ekwità f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (UE) 2017/1129, għandhom karatteristiċi simili għal titoli mhux ta' ekwità (bħal ċerti titoli konvertibbli, skambjabbli jew derivattivi).
  - (c) Jipprevedi standardizzazzjoni effettiva u jtejjeb il-komparabbiltà tal-informazzjoni fil-prospetti kollha tal-UE għall-IPOs tal-ishma. F'dak ir-rigward, dan ir-Regolament jintroduċi l-kunċett ta' prospett għall-IPOs tal-UE: format standardizzat għal prospett imfassal f'konformità mar-reġim standard tal-prospett stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/1129. Il-prospett għall-IPOs tal-UE għandu jintuża għal offerta pubblika inizjali ta' klassi ta' ishma ammessi għan-negozjar f'suq regolat għall-ewwel darba. Jista' jitfassal jew bħala dokument uniku, fuq il-bażi tal-Anness 15 il-ġdid tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980, li jikkombina f'format uniku l-informazzjoni tad-dokument tar-reġistrazzjoni u tan-nota dwar it-titoli għal titoli tal-ekwità, jew bħala dokumenti separati fuq il-bażi tal-Annessi 1 u 11 ta' dak ir-Regolament Delegat. Fiż-żewġ każijiet, l-ordni tat-taqsimiet ta' dawk l-Annessi għandu jiġi segwit, dment li ma tkun tapplika l-ebda eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 6(2), it-tieni subparagrafu, u fl-Artikolu 6(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129.

---

minimizzati, biex jiżdedu l-likwidità u l-provvista ta' kapital lill-kumpaniji elenkati, u b'hekk is-swieq pubbliċi tal-UE jsiru aktar attraenti”.

<sup>5</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format, il-kontenut, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 26. ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2019/980/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/980/oj)).

- (3) Li jistabbilixxi divulgazzjonijiet dwar il-fatturi ambjentali, soċjali jew ta' governanza (ESG) kif meħtieġ skont l-Artikolu 13(1), il-punti (f) u (g), tar-Regolament (UE) 2017/1129 fis-sitwazzjonijiet li ġejjin: (i) jekk l-emittent ta' titoli ta' ekwità jkun meħtieġ jipprovdi rapportar dwar is-sostenibbiltà, flimkien mal-opinjoni ta' assigurazzjoni relatata, f'konformità mad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament u tal-Kunsill<sup>6</sup> u mad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup>; u (ii) jekk titoli mhux ta' ekwità offruti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozjar f'suq regolat ikunu rreklamati bħala li jqisu l-fatturi ESG jew li jsegwu l-oġġettivi ESG. Fil-każ ta' dan tal-aħħar, ir-regoli għandhom ikunu sempliċi u jikkunsidraw każijiet fejn titoli mhux ta' ekwità jkunu Bonds Ekoloġiċi Ewropej (EuGBs), bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli jew bonds marbuta mas-sostenibbiltà maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup>.
- (4) Li jkompli jissimplifika u jistandardizza l-kriterji għall-iskrutinju u l-proċeduri għall-approvazzjoni tal-prospetti billi jiġu kkunsidrati: (i) iċ-ċirkostanzi li fihom awtorità kompetenti tista' tapplika kriterji addizzjonali għall-iskrutinju tal-prospett; (ii) iċ-ċirkostanzi li fihom awtorità kompetenti tista' tirrikjedi informazzjoni minbarra dik meħtieġa mid-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prospett, għall-prospett ta' Segwitu tal-UE, u għall-prospett tal-Ħruġ tal-UE dwar it-Tkabbir; u (iii) il-perjodu ta' żmien globali massimu li fih għandu jiġi mitmum l-iskrutinju tal-prospett u tittieħed deċiżjoni mill-awtorità kompetenti dwar jekk dak il-prospett jiġix approvat jew le u l-proċess ta' rieżami huwa tterminat, u l-kundizzjonijiet għal derogi possibbli għal dak il-perjodu ta' żmien.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet ibbażati fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9(14), l-Artikolu 13, il-paragrafi (1) u (2) u l-Artikolu 20(11) tar-Regolament (UE) 2017/1129. Huwa xieraq li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu kkombinati f'Regolament uniku, minħabba li huma sostanzjalment marbuta ma' xulxin peress li fil-biċċa l-kbira huma relatati mal-format, il-kontenut u l-iskrutinju tal-prospett sħiħ, u kollha jemendaw ir-Regolament Delegat (UE) 2019/980.

L-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2017/1129 jeħtieġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-iskeda li tiddefinixxi l-informazzjoni minima li trid tkun inkluża fid-dokument tar-reġistrazzjoni universali. Id-dokument tar-reġistrazzjoni universali, dokument bi skopijiet multipli li jista' jintuża għal offerti sussegwenti lill-pubbliku jew għal ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat kemm għal titoli ta' ekwità kif ukoll għal titoli mhux ta' ekwità, huwa bbażat fuq id-divulgazzjonijiet applikabbli għad-dokument tar-reġistrazzjoni għal titoli ta' ekwità kif stabbilit fl-Anness 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980. Konsegwentement,

<sup>6</sup> Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38. ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2004/109/oj>).

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19. ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj>).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj>).

bis-simplifikazzjoni ta' dak l-Anness kif meħtieġ skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129, dan ir-Regolament jikkonforma wkoll mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 13(2).

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Abbażi ta' talba mill-Kummissjoni għal parir tekniku, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) ipproduċiet dokument ta' konsultazzjoni<sup>9</sup> u wettqet konsultazzjoni pubblika dwar il-format u s-sekwenza standardizzati tal-prospett, il-kontenut tiegħu (inkluża informazzjoni relatata mal-ESG), id-dokument tar-reġistrazzjoni universali, u l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett. Il-konsultazzjoni saret bejn it-28 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru 2024. Ir-rapport finali intitolat “Technical advice concerning the Prospectus Regulation and the RTS updating the CDR on metadata”<sup>10</sup> ġie ppubblikat u ppreżentat lill-Kummissjoni fit-12 ta' Ġunju 2025.

L-ESMA kkonsultat ukoll lill-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq (MSG) stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup>. Għandhom jiġu enfasizzati l-punti li ġejjin mill-konsultazzjoni:

- Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti (14 minn 18) qablu mal-ESMA li rekwiżiti stretti ġodda ta' format u sekwenza għandhom ikunu limitati għal sitwazzjonijiet fejn jintużaw l-Annessi “standard” dwar id-divulgazzjoni tal-ekwiżità u mhux tal-ekwiżità. Dan l-approċċ huwa maħsub biex jiġu evitati kumplikazzjonijiet fit-thejġja ta' dokumenti kumplessi, bħal prospetti bażi. L-MSG għamel kumment simili.
- Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti (13 minn 17) ma kinux kategorikament kontra l-idea ta' qafas uniku simplifikat ta' divulgazzjoni mhux ta' ekwiżità, dment li dan jiddistingwi b'mod ċar bejn ir-rekwiżiti bl-ingrossa u individwali, speċjalment fin-nota dwar it-titoli.
- Xi rispondenti (5 minn 13) irreaġixxew għall-proposta li jintalab rapport tal-flussi tal-flus kemm għat-tranżazzjonijiet ta' ekwiżità kif ukoll għal dawk mhux ta' ekwiżità meta l-informazzjoni finanzjarja awditjata tifhejja bl-użu tal-istandards kontabilistiċi nazzjonali. Tliet rispondenti, li jiffukaw fuq tranżazzjonijiet ta' ekwiżità, qalu li r-rapport tal-flussi tal-flus jipprovdi informazzjoni siewja f'każijiet bħal dawn u kienu favur iż-żamma tiegħu. Madankollu, żewġ rispondenti argumentaw li ma għandux ikun obligatorju għal titoli mhux ta' ekwiżità, filwaqt li żiedu li dan jista' jiddizincantiva t-tranżazzjonijiet mhux ta' ekwiżità minn investituri mhux professjonali u mhux neċessarjament joffri informazzjoni materjali biex tinftiehem il-pożizzjoni finanzjarja ta' emittent.

<sup>9</sup> Id-Dokument ta' Konsultazzjoni dwar l-abbozz ta' parir tekniku dwar ir-Regolament dwar il-Prospett u dwar l-aġġornament tas-CDR dwar il-metadata (ESMA32-117195963-1276), it-28 ta' Ottubru 2024, disponibbli fuq: [https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2024-10/ESMA32-117195963-1276\\_CP\\_Listing\\_Act\\_Advice\\_-\\_Prospectus.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2024-10/ESMA32-117195963-1276_CP_Listing_Act_Advice_-_Prospectus.pdf).

<sup>10</sup> Technical advice concerning the Prospectus Regulation and the RTS updating the CDR on metadataapport (ESMA32-117195963-1417), it-12 ta' Ġunju 2025, disponibbli fuq: [https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2025-06/ESMA32-117195963-1417\\_Final\\_Report\\_Listing\\_Act\\_Advice\\_on\\_Prospectus.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2025-06/ESMA32-117195963-1417_Final_Report_Listing_Act_Advice_on_Prospectus.pdf)

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj>).

- Il-maġġoranza tar-rispondenti (10 minn 19) qablu mal-approçè tal-ESMA għar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għal titoli mhux ta' ekwità rreklamati bħala li jinkorporaw fatturi ESG jew li jsegwu objettivi ESG. Madankollu, kien hemm tħassib sinifikanti dwar il-prattiçità, iè-çarezza, u l-piż potenzjali tar-rekwiżiti proposti.
- Il-maġġoranza tar-rispondenti (12 minn 19) qablu li ma jgìx applikat l-Anness ESG għall-EuGBs; l-SMSG ta feedback simili.
- Il-biçça l-kbira tar-rispondenti (18 minn 20) argumentaw li l-inkorporazzjoni tal-informazzjoni rilevanti mill-iskedi informattivi u l-mudelli tal-EuGB għad-divulgazzjonijiet volontarji ta' qabel il-ħruġ fi prospetti bażi permezz ta' termini finali tissimplifika l-proçess, u tnaqqas il-kostijiet u l-piż amministrattiv.
- Il-biçça l-kbira tar-rispondenti (13 minn 16) qablu li jħassru l-Artikolu 40 dwar kriterji ta' skrutinju addizzjonali għall-prospett.
- Il-maġġoranza tar-rispondenti (14 minn 21) qiesu li l-iskadenza ta' 120 jum tax-xogħol għall-approvazzjoni tal-prospetti hija twila wisq u potenzjalment allinjata ħażin mar-realtajiet tas-suq, peress li tista' żżid il-kostijiet u tikkomplika l-açcess għas-suq. Tliet rispondenti ssuġġerew skadenza ta' 60 jum tax-xogħol b'estensjonijiet possibbli ta' 15-30 jum tax-xogħol, jew massimu ta' 90 jum tax-xogħol (skont risponent wieħed). Fl-aħħar nett, l-SMSG irrakkomanda li l-iskadenza tiġi stabbilita għal 90 jum tax-xogħol, bil-possibbiltà li l-iskadenza tiġi estiża b'10 ijiem tax-xogħol.

F'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) 2017/1129, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli mit-12 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2026 u rçeviet ħames twegìbiet, jìgìfieri mill-Italja, mill-Ġermanja, mill-Iżvezja, mil-Lussemburgu u mill-Polonja. Il-maġġoranza tal-kummenti pprovduti tqiesu fil-verżjoni finali ta' dan ir-Regolament. L-abbozz tar-Regolament Delegat ġie ppubblikat fuq il-portal Semma' Leħnek bejn il-11 ta' Frar sal-11 ta' Marzu 2026. Tnax-il parti kkonçernata (disa' assoçjazzjonijiet ta' impriżi, żewġ cittàdini, kumpanija waħda) wieġbu għal din il-konsultazzjoni. Il-kummenti li waslu kienu relatati ma' inkonsistenzi fil-kontroreferenzi jew fin-numerazzjoni tal-Annessi ta' dan ir-Regolament, suġġerimenti għal aktar mitigazzjonijiet tad-divulgazzjoni, proposti għal flessibbiltà addizzjonali fil-format standardizzat u fis-sekwenza tal-prospett, kif ukoll emendi għall-perjodu ta' żmien ġenerali massimu għall-iskrutinju u għall-approvazzjoni tal-prospett. Il-kummenti tqiesu, sa fejn kienu konsistenti mal-objettivi tal-Att dwar il-Kwotazzjonijiet u l-ġhoti tas-setgħa legali.

### 3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 1 jistipula l-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 kif ġej:

- L-Artikolu 1(1) jintroduçi d-definizzjoni ta' prospett għall-IPOs tal-UE;
- l-Artikolu minn 1(2) sa 1(11) jaġġorna r-referenzi skaduti, prinçipalment biex jirriflettu l-introduzzjoni ta' dokument ta' reġistrazzjoni komuni u nota komuni dwar it-titoli għal titoli mhux ta' ekwità, introdotti fl-Artikoli 1(4) u 1(9), rispettivament;
- l-Artikolu 1(12) jintroduçi dispożizzjoni ġdida dwar titoli mhux ta' ekwità rreklamati bħala li jqisu l-fatturi ESG jew li jsegwu objettivi ESG, u dispożizzjoni ġdida dwar iè-çirkostanzi li jwasslu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali;

- l-Artikolu 1(13) sa l-Artikolu 1(16) jistabbilixxi l-format ta' prospett għal titoli ta' ekwità, il-format ta' prospett għal titoli mhux ta' ekwità, il-format ta' prospett bażi u l-lista ta' kontroreferenzi;
- L-Artikolu 1(17) jaġġorna l-lista tal-Annessi fl-Artikolu 26 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980;
- l-Artikolu 1(18) u l-Artikolu 1(20) jaġġornaw ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet dwar l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett, filwaqt li l-Artikolu 1(19) iħassar l-Artikolu 40 dwar kriterji addizzjonali għall-iskrutinju tal-kompletezza, il-konsistenza u l-intelliġibbiltà tal-informazzjoni fil-prospett;
- l-Artikolu 1(21) jistabbilixxi dispożizzjoni ġdida li tistabbilixxi l-iskeda taż-żmien għall-approvazzjoni tal-prospett;
- l-Artikolu 1(22) sal-Artikolu 1(41) jistabbilixxu l-bidliet fl-Annessi u fil-Lista tal-Annessi.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'7.5.2026

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/980 fir-rigward tal-format u s-sekwenza standardizzati u l-kontenut simplifikat, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE<sup>12</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(14), l-Artikolu 13, il-paragrafi (1) u (2) u l-Artikolu 20(11) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-kumpaniji għas-swieq pubbliċi tal-Unjoni u jissaħħu l-likwidità u l-provvista ta' kapital lil kumpaniji diġà kkwotati, u b'hekk is-swieq pubbliċi tal-Unjoni jsiru aktar attraenti għall-investituri, jenħtieġ li r-regoli tal-kwotazzjoni tal-Unjoni jkunu sempliċi u jenħtieġ li l-piżijiet amministrattivi jkunu limitati kemm jista' jkun. Jenħtieġ li r-rekwiżiti għall-prospetti jiġu ssimplifikati u mmudellati b'mod sinifikanti skont ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni aktar ħfief tal-prospett tat-Tkabbir tal-UE, li skada fil-5 ta' Marzu 2026. Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980<sup>13</sup> jiġu emendati kif xieraq.
- (2) Minħabba l-ħtieġa li titnaqqas il-kumplessità u jiġu appoġġati l-emittenti, l-offerenti jew il-persuni li jitolbu ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat fil-proċess tat-tfassil ta' prospett, jeħtieġ li l-għadd ta' skedi meħtieġa jitnaqqas. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dokument ta' reġistrazzjoni uniku u nota unika dwar it-titoli għal titoli mhux ta' ekwità, li jissostitwixxu d-dispożizzjonijiet u l-Annessi separati għal titoli mhux ta' ekwità fil-livelli tal-konsumatur u tal-operatur. Sabiex tiġi riflessa dik il-bidla, jeħtieġ li jiġu aġġornati r-referenzi kollha relatati fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 u fl-Annessi tiegħu. L-informazzjoni inkluża fi prospett għal titoli mhux ta' ekwità jenħtieġ li titfassal skont l-għarfien u l-kompetenza tal-investituri li lilhom ikun indirizzat tali prospett. Għalhekk huwa importanti li fid-dokument ta' reġistrazzjoni l-ġdid u fin-nota dwar it-titoli għal titoli mhux ta' ekwità ssir distinzjoni bejn il-każijiet speċifiċi fejn id-divulgazzjonijiet huma applikabbli biss

<sup>12</sup> ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1129/oj>.

<sup>13</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/980 tal-14 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format, il-kontenut, l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 (ĠU L 166, 21.6.2019, p. 26, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2019/980/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/980/oj)).

għall-investituri individwali u l-każijiet speċifiċi fejn id-divulgazzjonijiet huma maħsuba għal investituri kwalifikati. Fejn ma jkunx hemm l-ebda indikazzjoni, id-divulgazzjonijiet jenħtieġ li japplikaw għat-tipi kollha ta' investituri.

- (3) Filwaqt li r-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup> introduċa rekwiżiti ġodda ta' divulgazzjoni fir-rigward tal-fatturi u l-oġettivi ambjentali, soċjali jew ta' governanza (ESG), li għandhom jiġu speċifikati aktar f'Anness ġdid tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980, mill-premessa 26 ta' dak ir-Regolament huwa ċar li l-leġislatur tal-Unjoni ried ukoll jevita trikkib mad-divulgazzjonijiet meħtieġa minn leġislażzjoni oħra tal-Unjoni. Il-prospetti għall-Bonds Ekoloġiċi Ewropej, kif imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>, il-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (5), ta' dak ir-Regolament, u l-bonds marbuta mas-sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (6), ta' dak ir-Regolament diġà jitqiesu li jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni dment li dawk il-prospetti jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13(1a), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/1129 fil-każ tal-Bonds Ekoloġiċi Ewropej, jew fl-Artikolu 13(1a), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament fil-każ ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala bonds ambjentalment sostenibbli jew marbuta mas-sostenibbiltà. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li jiġi stabbilit xi rekwiżit ta' divulgazzjoni ġdid għal dawk il-bonds.
- (4) Minħabba l-iżviluppi li għaddejjin fis-swieq tat-titoli, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirċievu talbiet għall-approvazzjoni ta' prospetti relatati ma' tipi ġodda ta' titoli li jikkondividu karatteristiċi ta' titoli li huma komparabbli ma' titoli koperti mill-Annessi tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980, iżda mhumiex l-istess bħalhom. F'dawk il-każijiet, sabiex ikun hemm flessibbiltà, filwaqt li tinżamm protezzjoni adegwata tal-investituri, huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti jkun jistgħu jiddeċiedu, f'konsultazzjoni mal-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, kif il-punti ta' informazzjoni minn dokument tar-reġistrazzjoni ieħor, nota oħra dwar it-titoli, jew informazzjoni addizzjonali oħra kif imsemmi fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu II ta' dak ir-Regolament Delegat għandhom jiġu inklużi fil-prospett, filwaqt li possibilment jadattaw dik l-informazzjoni fil-każ ta' tip ta' titoli, tranżazzjoni jew emittent li mhuwiex kopert mill-Annessi ta' dak ir-Regolament Delegat.
- (5) Sabiex tittejjeb il-komparabbiltà tal-informazzjoni fil-prospetti, indipendentement mill-ġurisdizzjoni fejn il-prospett jiġi approvat, format u sekwenza standardizzati jenħtieġ li jiġu adattati għat-tipi differenti ta' titoli li magħhom huwa relatat il-prospett. Sabiex jinstab bilanċ tajjeb bejn l-istandardizzazzjoni u l-flessibbiltà, huwa importanti li jiġu adottati approċċi distinti għal (i) titoli ta' ekwità għall-kuntrarju ta' titoli mhux ta' ekwità, peress li dawn tal-aħħar jinkludu tipi kumplessi ta' titoli li jeħtieġu approċċ aktar flessibbli, (ii) prospetti mfassla bħala dokument uniku, (iii)

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/2809 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1129, (UE) Nru 596/2014 u (UE) Nru 600/2014 sabiex is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni jsiru aktar attraenti għall-kumpaniji u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u medji (ĠU L, 2024/2809, 14.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2809/oj>).

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj>).

prospetti li jikkonsistu f'dokumenti separati, u (iv) prospetti bażi biex jiġu offruti programmi ta' titoli mhux ta' ekwità. Madankollu, biex l-investituri jkunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni dwar fatturi ta' riskju relatati mal-emittent u mat-titoli offruti lill-pubbliku jew ammessi għall-kummerċ aktar faċilment, jenħtieġ li t-taqsimat tal-fattur ta' riskju tidher f'pożizzjoni prominenti fi kwalunkwe tip ta' prospett.

- (6) Id-definizzjoni ta' titoli ta' ekwità, stabbilita fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (UE) 2017/1129, tinkludi tipi sempliċi ta' titoli, bħal ishma, li għalihom prospett jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-informazzjoni stabbilita fl-Annessi 1 u 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980. Dik id-definizzjoni tinkludi wkoll tipi aktar kumplessi ta' titoli, bħal ċerti titoli konvertibbli, skambjabbli jew derivattivi, li għalihom prospett jenħtieġ li jiġi kkomplementat bl-informazzjoni stabbilita f'Annessi oħra ta' dak ir-Regolament, inklużi dawk għal titoli mhux ta' ekwità. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-istandardizzazzjoni tal-format u tas-sekwenza tkun aktar evidenti għal prospett għal titoli ta' ekwità mfassal f'konformità mal-Annessi 1 sa 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980. Barra minn hekk, biex tiġi ffaċilitata t-tnejn ta' tali prospett, meta jitfassal bħala dokument uniku, huwa xieraq li jiġi stabbilit Anness uniku għid tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 b'format u sekwenza standardizzati, li jikkombina l-informazzjoni stabbilita fl-Annessi 1 u 11 ta' dak ir-Regolament Delegat, flimkien mas-sommarju tal-prospett, f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/1129. Jekk rilevanti, jenħtieġ li kwalunkwe informazzjoni addizzjonali msemmija fit-Taqsimat 3 tal-Kapitolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 ma tkunx soġġetta għal format jew sekwenza standardizzati, peress li dik l-informazzjoni tista' tkun ibbażata fuq diversi Annessi ta' dak ir-Regolament Delegat, skont it-tip ta' titoli kkonċernati, li jenħtieġ approċċ aktar flessibbli.
- (7) Filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol importanti tal-offerti pubbliċi inizjali (IPOs) tal-ishma għas-swieq pubbliċi tal-UE u għall-ekonomija tal-UE b'mod ġenerali, huwa importanti li jiġi identifikat b'mod ċar u previst livell massimu ta' standardizzazzjoni għall-prospetti għal offerta pubblika inizjali ta' klassi ta' ishma ammessi għan-negozjar f'suq regolat għall-ewwel darba. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi introdotta subkategorija għid ta' prospett standard għall-IPOs tal-UE. Jenħtieġ li l-prospetti għall-IPOs tal-UE jitfasslu f'konformità mar-reġim tal-prospett standard stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/1129 u jkunu soġġetti għal format u sekwenza standardizzati, sakemm il-prospetti ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni stabbiliti f'dak l-Artikolu. Il-format u s-sekwenza ta' prospett għall-IPOs tal-UE jenħtieġ li jkun ibbażat jew (i) fuq l-ordni tat-taqsimiet stabbilit f'Anness għid għal prospett għal titoli ta' ekwità mfassal bħala dokument uniku, li għandu jiġi introdott fir-Regolament Delegat (UE) 2019/980, jew (ii) l-ordni tat-taqsimiet stabbilit fl-Anness 1 u 11 ta' dak ir-Regolament Delegat, meta mfassal bħala dokumenti separati.
- (8) Id-definizzjoni ta' titoli mhux ta' ekwità, stabbilita fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament (UE) 2017/1129, tinkludi firxa wiesgħa ta' strumenti differenti, inklużi dawk kumplessi. Biex jiġi żgurat il-bilanċ it-tajjeb bejn l-istandardizzazzjoni u l-effiċjenza u tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piż eċċessiv għall-emittenti, l-offerenti jew persuni li jitolbu ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, format u sekwenza standardizzati jenħtieġ li jkun meħtieġ biss għal prospett għal titoli mhux ta' ekwità mfassal bħala dokument uniku, bħalma huwa l-każ b'titoli sempliċi mhux ta' ekwità, bħal bonds normali. F'każ bħal dan, simili għall-aproċċ meħud għat-titoli ta' ekwità, jenħtieġ li l-prospett isegwi l-ordni tat-taqsimiet stabbilit f'Anness għid, li għandu jiġi introdott fir-Regolament Delegat (UE) 2019/980, relatat ma' prospett għal titoli mhux ta' ekwità mfassal bħala dokument uniku b'format u sekwenza standardizzati.

- (9) Jekk prospett għal titoli ta' ekwità jew mhux ta' ekwità jitfassal bħala dokumenti separati u għandu jiġi kkomplementat mill-informazzjoni stabbilita f'Annessi differenti tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980, jenħtieġ li jkun permess approċċ flessibbli fuq il-format u s-sekwenza, sabiex jiġi evitat li jinħoloq piż għall-emittenti, l-offerenti jew il-persuni li jitolbu ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat. Għalhekk, jenħtieġ li l-format u s-sekwenza standardizzati japplikaw biss meta l-prospetti mfassla bħala dokumenti separati jkunu bbażati biss fuq l-informazzjoni tad-dokument tar-reġistrazzjoni u tan-nota dwar it-titoli msemmija fl-Annessi 1 u 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980, għal titoli ta' ekwità, jew fl-Annessi korrispondenti ta' dak ir-Regolament Delegat relatati ma' titoli mhux ta' ekwità.
- (10) Sabiex jiġi ssalvagwardjat l-oġettiv tal-effiċjenza tal-prospetti bażi, li jirrappreżentaw sehem sinifikanti ta' prospetti mhux ta' ekwità, jenħtieġ li jiġi stabbilit format aktar flessibbli għal prospetti bażi bħal dawn. Peress li l-prospett bażi jista' jikkonċerna emittenti jew ħarġiet uniċi jew multipli, ikun xieraq li l-format u s-sekwenza standardizzati jitqiesu biss għal informazzjoni speċifika għall-emittent fil-każ ta' emittent uniku, meta l-prospett jitħejja bħala dokumenti separati, filwaqt li tkun permessa l-flessibilità biex l-informazzjoni l-oħra tiġi inkluża f'dak il-prospett bażi. Meta prospett bażi jitfassal bħala dokument uniku, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat jistgħu, għas-semplività, jagħżlu li jużaw il-mudell għal prospett għal titoli mhux ta' ekwità mfassal bħala dokument uniku filwaqt li jżommu l-flessibilità fir-rigward tal-format.
- (11) Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet għall-emittenti, l-offerenti, jew persuni li jitolbu ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, jeħtieġ li dawk li jużaw prospetti bażi biex joffru programmi ta' titoli mhux ta' ekwità jitħallew jikkoppjaw jew jinkorporaw b'referenza informazzjoni minn dawk il-prospetti bażi, b'ordni flessibbli ta' divulgazzjoni, fi prospetti għal titoli mhux ta' ekwità li mhumiex prospetti bażi, u b'hekk jidderogaw mir-rekwiżit ta' format u sekwenza standardizzati, fejn japplika dak ir-rekwiżit.
- (12) Ir-rekwiżiti dwar il-format u s-sekwenza standardizzati stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 6(6) tar-Regolament (UE) 2017/1129.
- (13) Fil-każijiet kollha meta r-rekwiżit dwar il-format u s-sekwenza standardizzati ma japplikax u l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat ma jsegwux l-ordni ta' informazzjoni stabbilit fl-Annessi rilevanti tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li tapprova l-prospett tkun tista' titlob lista ta' kontroreferenzi li jindikaw l-entrati tal-Annessi rilevanti, li għalihom tikkorrispondi dik l-informazzjoni, sabiex tivvaluta b'mod effettiv jekk il-prospett jissodisfax il-kriterji ta' kompletezza, komprensibilità u konsistenza kif imsemmi fl-Artikoli 36 sa 38 ta' dak ir-Regolament Delegat. Meta l-lista la tintalab, u lanqas tiġi pprovduta, jenħtieġ li l-abbozz tal-prospett jindika b'mod ċar fil-marġni, għal liema informazzjoni speċifika tikkorrispondi kull taqsima tal-prospett.
- (14) Sabiex tissaħħaħ il-konverġenza superviżorja dwar l-iskrutinju tal-prospetti, jenħtieġ li titħassar il-possibilità li awtorità kompetenti tuża kriterji addizzjonali għall-iskrutinju tal-prospett, fejn jitqies meħtieġ għall-protezzjoni tal-investituri.
- (15) L-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2017/1129 fih skadenzi għal awtorità kompetenti biex tinnotifika lill-emittent, lill-offerent jew lill-persuna li titlob ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat dwar id-deċiżjoni tagħha rigward l-approvazzjoni tal-prospett, u miżuri biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn l-awtorità kompetenti tonqos milli

tissodisfa dawk l-iskadenzi. L-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-prospetti huwa, madankollu, proċess iterattiv u d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tapprova l-abbozz tal-prospett tista' tinvolti diversi ċikli ta' analiżi tal-abbozz tal-prospett minn dik l-awtorità kompetenti u l-implimentazzjoni sussegwenti ta' titjib mill-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat. Huwa għalhekk meħtieġ ukoll li l-awtorità kompetenti tkun tista' tistabbilixxi skadenzi għall-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat sa meta jenħtieġ li jissottomettu, fejn meħtieġ minn dik l-awtorità kompetenti, informazzjoni supplimentari jew abbozz ta' prospett rivedut. B'mod addizzjonali, jeħtieġ li l-perjodu ta' żmien globali massimu jiġi stabbilit mill-wasla tal-applikazzjoni inizjali għall-approvazzjoni tal-abbozz tal-prospett, sad-deċiżjoni li dak il-prospett jiġi approvat jew le u li jiġi tterminat il-proċess ta' rieżami, kif ukoll il-kundizzjonijiet għal derogi possibbli għal dak il-perjodu ta' żmien.

(16) Jenħtieġ li l-Annessi tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 jiġu emendati, jekk applikabbli, biex jiġu aġġornati jew imħassra referenzi biex jirriflettu l-bidliet introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2809.

(17) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2019/980 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,  
ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

#### **Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2019/980**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt (f) li ġej:

“(f) “prospett għall-IPOs tal-UE” tfisser prospett imfassal f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/1129, relatat ma' offerta inizjali lill-pubbliku ta' klassi ta' ishma li hija ammessa għan-negożjar f'suq regolat għall-ewwel darba, kif imsemmi fl-Artikolu 21(1), it-tieni subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.”;

(2) fl-Artikolu 2(2), il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“B'deroga mill-paragrafu 1, id-dokument ta' reġistrazzjoni speċifiku għat-titoli li ġejjin, fejn dawk it-titoli mhumiex ishma jew titoli trasferibbli oħra ekwivalenti għal ishma, jista' jitħejja f'konformità mal-Artikolu 7a ta' dan ir-Regolament.”;

(3) jitħassru l-Artikoli 7 u 8;

(4) jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

#### *“Artikolu 7a*

#### **Dokument tar-reġistrazzjoni għat-titoli mhux tal-ekwità**

1. Għal titoli mhux ta' ekwità d-dokument tar-reġistrazzjoni għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Anness 7 ta' dan ir-Regolament, sakemm dak id-dokument tar-reġistrazzjoni ma jiffassalx f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/1129, jew ikun fih l-informazzjoni msemmija fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

L-informazzjoni msemmija fl-Anness 7 ta' dan ir-Regolament għandha ssir referenza għaliha bħala waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) speċifika għall-operatur, jekk dik l-informazzjoni tirreferi speċifikament għal titoli mhux ta' ekwità li jikkonformaw ma' kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu, il-punti (a) jew (b), tar-Regolament (UE) 2017/1129; jew
- (b) speċifika għall-konsumatur, fejn dik l-informazzjoni tirreferi speċifikament għal titoli mhux ta' ekwità għajr dawk imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal prospett imfassal f'konformità mal-Artikolu 14a jew mal-Artikolu 15a tar-Regolament (UE) 2017/1129.”;

- (5) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 10*

**Dokument tar-reġistrazzjoni għat-titoli ggarantiti b'assi**

B'deroga mill-Artikolu 7a, dokument ta' reġistrazzjoni li jitfassal għal titoli garantiti b'assi, għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Anness 9.”;

- (6) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 11*

**Dokument tar-reġistrazzjoni għat-titoli mhux tal-ekwità maħruġa minn pajjiżi terzi jew mill-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom**

B'deroga mill-Artikolu 7a, dokument tar-reġistrazzjoni li jitfassal għal titoli mhux ta' ekwità maħruġa minn pajjiżi terzi jew mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali tagħhom, għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Anness 10.”;

- (7) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. B'deroga mill-paragrafu 1, in-nota dwar it-titoli msemmija fl-Artikolu 19(1), fl-Artikolu 19(2), fl-Artikolu 20(1) u fl-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament, jekk dawk it-titoli ma humiex ishma jew titoli trasferibbli oħra ekwivalenti għal ishma, għandha titfassal f'konformità mal-Artikolu 15a ta' dan ir-Regolament.”;

- (8) jitħassru l-Artikoli 15 u 16;

- (9) jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:

*“Artikolu 15a*

**Nota dwar it-titoli għal titoli mhux ta' ekwità**

1. Għal titoli mhux ta' ekwità, in-nota dwar it-titoli għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Anness 14 ta' dan ir-Regolament.

L-informazzjoni msemmija fl-Anness 14 ta' dan ir-Regolament għandha ssir referenza għaliha bħala waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) speċifika għall-operatur, jekk dik l-informazzjoni tirreferi speċifikament għal titoli mhux ta' ekwità li jikkonformaw ma' kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu, il-punti (a) jew (b), tar-Regolament (UE) 2017/1129; jew
- (b) speċifika għall-konsumatur, fejn dik l-informazzjoni tirreferi speċifikament għal titoli mhux ta' ekwità għajr dawk imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal prospett imfassal f'konformità mal-Artikolu 14a jew mal-Artikolu 15a tar-Regolament (UE) 2017/1129.”;
- (10) fl-Artikolu 19(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġejj:
- “(a) l-informazzjoni msemija fil-punt 3.1 tal-Anness 11 fir-rigward ta' dak l-emittent jew ta' dik l-entità li tappartjeni għall-grupp tal-emittent;
- (11) fl-Artikolu 23, il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġejj:
- “(a) l-informazzjoni msemija fit-Taqsimiet 1 u 2A tal-Anness 22, fejn ingħata kunsens lil intermedju finanzjarju speċifiku wieħed jew aktar;
- (b) l-informazzjoni msemija fit-Taqsimiet 1 u 2B tal-Anness 22, fejn ingħata kunsens lill-intermedji finanzjarji kollha.”;
- (12) jiddaħħlu l-Artikoli 23a u 23b li ġejjin:

*“Artikolu 23a*

**Titoli mhux ta' ekwità reklamati bħala li jqisu l-fatturi ESG jew li jsegwu objettivi ESG**

Għal titoli mhux ta' ekwità offruti lill-pubbliku jew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat li jiġu reklamati bħala li jqisu fatturi ESG jew li jsegwu objettivi ESG, il-prospett għandu jkun fih ukoll l-informazzjoni addizzjonali msemija fl-Anness 23 ta' dan ir-Regolament, ħlief għal:

- (a) Bonds Ekoloġiċi Ewropej kif imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13(1a), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (b) bonds ikkumerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2023/2631, dment li:
- (i) l-emittent ikun għażel li juża l-mudelli volontarji msemija fl-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament; kif ukoll
- (ii) il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13(1a), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/1129 jiġu ssodisfati;
- (c) bonds marbuta mas-sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (6), tar-Regolament (UE) 2023/2631, dment li:
- (i) l-emittent għażel li juża l-mudelli volontarji msemija fl-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament; kif ukoll
- (ii) il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13(1a), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2017/1129 jiġu ssodisfati.

*Artikolu 23b*

**Ċirkostanzi li jwasslu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali**

B'deroga mill-Artikoli 2 sa 23a u l-Artikoli 28a sa 28d ta' dan ir-Regolament, jekk prospett, dokument tar-reġistrazzjoni, inkluż dokument tar-reġistrazzjoni universali, jew nota dwar it-titoli tikkonċerna titoli li jikkondividu karatteristiċi ta' titoli li jkun komparabbli ma' titoli koperti fl-Annessi ta' dan ir-Regolament, iżda ma jkun l-istess bħalhom, jew jekk prospett jikkonċerna tip ta' titoli, tranżazzjoni jew emittent li mhumiex koperti minn dawk l-Annessi, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi, f'konsultazzjoni mal-

emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, kif punti ta' informazzjoni minn kwalunkwe dokument tar-reġistrazzjoni ieħor, nota oħra dwar it-titoli, jew informazzjoni addizzjonali oħra kif imsemmija fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu inklużi fil-prospett biex jikkonformaw mal-Artikolu 6(1), mal-Artikolu 14a(2) jew mal-Artikolu 15a(2) tar-Regolament (UE) 2017/1129.

---

\* Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj>).”;

(13) L-Artikolu 24 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

*“Artikolu 24*

**Format ta' prospett għat-titoli tal-ekwi**

1. Prospett għal titoli tal-ekwi li jitfassal bħala dokument uniku għandu jkun magħmul mill-elementi li ġejjin stabbiliti fl-ordni li ġejj:

- (a) werrej;
- (b) sommarju, f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (c) il-fatturi ta' riskju msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (d) kwalunkwe informazzjoni oħra msemmija fl-Annessi ta' dan ir-Regolament li għandha tiġi inkluża f'dan il-prospett.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prospett għat-titoli tal-ekwi mfassal bħala dokument uniku jkun ibbażat biss fuq l-Annessi 1 u 11 ta' dan ir-Regolament, dak il-prospett għandu jkun magħmul mill-elementi li ġejjin stabbiliti fl-ordni li ġejj:

- (a) werrej;
- (b) sommarju, f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (c) il-fatturi ta' riskju msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (d) l-informazzjoni l-oħra msemmija fl-Anness 15 ta' dan ir-Regolament ibbażata fuq l-ordni tat-taqsimiet stabbilit f'dak l-Anness;
- (e) jekk rilevanti, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali kif imsemmija fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament li għandha tiġi inkluża f'dak il-prospett.

3. Jekk prospett għat-titoli tal-ekwi jitfassal bħala dokumenti separati, id-dokument ta' reġistrazzjoni u n-nota dwar it-titoli għandhom ikunu magħmulin mill-elementi li ġejjin stabbiliti fl-ordni li ġejj:

- (a) werrej;
- (b) il-fatturi ta' riskju msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/1129;

- (c) kwalunkwe informazzjoni oħra msemija fl-Annessi ta' dan ir-Regolament li għandha tiġi inkluża f'dan id-dokument ta' reġistrazzjoni jew din in-nota dwar it-titoli.

Jekk dokument tar-reġistrazzjoni u nota dwar it-titoli jkunu bbażati biss fuq l-Annessi 1 u 11 ta' dan ir-Regolament, l-ordni tat-taqsimiet tagħhom għandu jkun dak stabbilit f'dawk l-Annessi, ħlief għal dokument tar-reġistrazzjoni li jitfassal fil-forma ta' dokument tar-reġistrazzjoni universali.

4. Jekk prospett għat-titoli tal-ekwità jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(f) ta' dan ir-Regolament, dak il-prospett għandu jissejjaħ prospett għall-IPOs tal-UE.

Prospett għall-IPOs tal-UE għandu jitfassal fuq il-bażi ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) bħala dokument uniku, f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu; jew
- (b) bħala dokumenti separati, f'konformità mal-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu ta' dan l-Artikolu.

5. Jekk dokument ta' reġistrazzjoni jitfassal fil-forma ta' dokument ta' reġistrazzjoni universali, l-emittent jista' jinkludi f'dak id-dokument tar-reġistrazzjoni universali l-fatturi ta' riskju msemija fil-paragrafu 3, il-punt (b), mal-informazzjoni msemija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu dment li dawn il-fatturi ta' riskju jibqgħu identifikabbli bħala taqsima waħda.

6. Jekk dokument ta' reġistrazzjoni universali jintuża għall-finijiet tal-Artikolu 9(12) tar-Regolament (UE) 2017/1129, l-informazzjoni msemija f'dak l-Artikolu għandha tiġi ppreżentata f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815\*.

---

\* Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-format elettroniku uniku għar-rapportar (ĠU L 143, 29.5.2019, p. 1. ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2019/815/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/815/oj)).”;

- (14) jiddaħħal l-Artikolu 24a li ġej:

*“Artikolu 24a*

**Format għal prospett għat-titoli mhux tal-ekwità**

1. Prospett għat-titoli mhux ta' ekwità li jitfassal bħala dokument uniku għandu jkun magħmul mill-elementi li ġejjin stabbiliti fl-ordni li ġej:

- (a) werrej;
- (b) sommarju, fejn ikun meħtieġ mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (c) il-fatturi ta' riskju msemija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (d) kwalunkwe informazzjoni oħra msemija fl-Annessi ta' dan ir-Regolament li għandha tiġi inkluża f'dan il-prospett.

2. B’deroga mill-paragrafu 1, meta prospett għat-titoli mhux ta’ ekwità mfassal bħala dokument uniku jkun ibbażat biss fuq l-Annessi 7 u 14 ta’ dan ir-Regolament, dak il-prospett għandu jkun magħmul mill-elementi li ġejjin stabbiliti fl-ordni li ġejj:

- (a) werrej;
- (b) sommarju, jekk ikun meħtieġ mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (c) il-fatturi ta’ riskju msemija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (d) l-informazzjoni l-oħra msemija fl-Anness 16 ta’ dan ir-Regolament ibbażata fuq l-ordni tat-taqsimiet stabbilit f’dak l-Anness.

3. Jekk prospett għat-titoli mhux tal-ekwità jitfassal bħala dokumenti separati, id-dokument ta’ reġistrazzjoni u n-nota dwar it-titoli għandhom ikunu magħmulin mill-elementi li ġejjin stabbiliti fl-ordni li ġejj:

- (a) werrej;
- (b) il-fatturi ta’ riskju msemija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (c) kwalunkwe informazzjoni oħra msemija fl-Annessi ta’ dan ir-Regolament li għandha tiġi inkluża f’dan id-dokument ta’ reġistrazzjoni jew din in-nota dwar it-titoli.

Jekk dokument tar-reġistrazzjoni u nota dwar it-titoli jkunu bbażati biss fuq l-Annessi 7 u 14 ta’ dan ir-Regolament, l-ordni tat-taqsimiet tagħhom għandu jkun dak stabbilit f’dawk l-Annessi, ħlief għal dokument tar-reġistrazzjoni li jitfassal fil-forma ta’ dokument tar-reġistrazzjoni universali.

4. Jekk id-dokument tar-reġistrazzjoni jitfassal fil-forma ta’ dokument tar-reġistrazzjoni universali, l-emittent jista’ jinkludi l-fatturi ta’ riskju msemija fil-paragrafu 3, il-punt (b), mal-informazzjoni msemija fil-punt (c) ta’ dan il-paragrafu dment li dawn il-fatturi ta’ riskju jibqgħu identifikabbli bħala taqsima waħda.

5. Meta jintuża dokument tar-reġistrazzjoni universali għall-finijiet tal-Artikolu 9(12) tar-Regolament (UE) 2017/1129, l-informazzjoni li tinsab f’dak l-Artikolu għandha tiġi ppreżentata f’konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815.

6. Meta informazzjoni inkluża fi prospett bażi approvat mill-awtorità kompetenti tintuża biex tipprepara prospett għal titoli mhux ta’ ekwità li ma jkunx prospett bażi, ir-rekwiżit li jiġi segwit l-ordni tat-taqsimiet imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (d) u l-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu, ma għandux japplika għal tali informazzjoni.”;

(15) L-Artikolu 25 huwa sostitwit b’dan li ġejj:

*“Artikolu 25*

**Format ta’ prospett bażi**

1. Prospett bażi li jitfassal bħala dokument uniku għandu jkun magħmul mill-elementi li ġejjin stabbiliti fl-ordni li ġejj:

- (a) werrej;

- (b) deskrizzjoni ġenerali tal-programm ta' offerta;
- (c) il-fatturi ta' riskju msemija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (d) kwalunkwe informazzjoni oħra msemija fl-Annessi ta' dan ir-Regolament li għandha tiġi inkluża fil-prospett bażi.

2. Jekk prospett bażi jiffassal bħala dokumenti separati, id-dokument ta' reġistrazzjoni u n-nota dwar it-titoli għandhom ikunu magħmulin mill-elementi li ġejjin stabbiliti fl-ordni li ġej:

- (a) werrej;
- (b) fin-nota dwar it-titoli, deskrizzjoni ġenerali tal-programm ta' offerta;
- (c) il-fatturi ta' riskju msemija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2017/1129;
- (d) kwalunkwe informazzjoni oħra msemija fl-Annessi ta' dan ir-Regolament li għandha tiġi inkluża fid-dokument ta' reġistrazzjoni u fin-nota dwar it-titoli.

Jekk dokument tar-reġistrazzjoni jkun ibbażat fuq l-Anness 7 ta' dan ir-Regolament u jkun jikkonċerna biss emittent wieħed, l-ordni tat-taqsimiet tiegħu għandu jiġi ddeterminat minn dak l-Anness, ħlief għal dokument tar-reġistrazzjoni li jiffassal fil-forma ta' dokument tar-reġistrazzjoni universali.

3. Emittent, offerent jew persuna li titlob ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat jisgħu jiġbru żewġ prospetti bażi jew aktar f'dokument uniku.

4. Jekk dokument tar-reġistrazzjoni jiffassal fil-forma ta' dokument tar-reġistrazzjoni universali, l-emittent jista' jinkludi l-fatturi ta' riskju msemija fil-paragrafu 2, il-punt (c), mal-informazzjoni msemija fil-punt (d) ta' dak il-paragrafu, dment li daww il-fatturi ta' riskju jibqgħu identifikabbli bħala taqsima waħda.

5. Jekk jintuża dokument tar-reġistrazzjoni universali għall-finijiet tal-Artikolu 9(12) tar-Regolament (UE) 2017/1129, l-informazzjoni imsemija f'dak l-Artikolu għandha tiġi ppreżentata f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815.”;

(16) jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

*“Artikolu 25a*

**Lista ta' kontroreferenzi**

1. Fi prospett għal titoli ta' ekwità jew mhux ta' ekwità, kif imsemmi fl-Artikoli 24, 24a u 25 ta' dan ir-Regolament, jekk ir-reqwizit ta' format u sekwenza standardizzati ma japplikax u l-ordni tal-informazzjoni stabbilit fl-Annessi rilevanti ma jkunx segwit mill-emittent, mill-offerent jew mill-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, fuq talba tal-awtorità kompetenti tiegħu, l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat għandhom jipprovduha b'lista ta' kontroreferenzi li tindika l-elementi tal-Annessi rilevanti li għalihom tikkorrispondu dik l-informazzjoni.

2. Il-lista ta' kontroreferenzi msemija fil-paragrafu 1 għandha tidentifika kwalunkwe punt stabbilit fl-Annessi rilevanti li ma ġiex inkluż fl-abbozz tal-

prospett minħabba n-natura jew it-tip ta' emittent, titolu, offerta jew ammissjoni għall-kummerċ.

3. Jekk il-lista ta' kontroreferenzi la tintalab mill-awtorità kompetenti u lanqas ma tkun sottomessa mill-emittent, mill-offerent, jew mill-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat, l-emittent, l-offerent, jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat għandhom jindikaw fil-marġni tal-abbozz tal-prospett jew tal-prospett bażi għal liema informazzjoni fl-abbozz tal-prospett jew tal-prospett bażi jikkorrispondu l-punti rilevanti stabbiliti fl-Annessi.”;

(17) fl-Artikolu 26, il-paragrafi 1 sa 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-informazzjoni li ssir referenza għaliha bħala “Kategorija A” fl-Annessi 14, 16 sa 19, 22, 23, 31, 33 u 35 ta' dan ir-Regolament għandha tiġi inkluża fil-prospett bażi.

2. L-informazzjoni li ssir referenza għaliha bħala “Kategorija B” fl-Annessi 14, 16 sa 19, 22, 23, 31, 33 u 35 ta' dan ir-Regolament għandha tiġi inkluża fil-prospett bażi, ħlief għad-dettalji ta' din l-informazzjoni li ma jkunux magħrufa meta ssir l-approvazzjoni ta' dan il-prospett bażi. Dawn id-dettalji għandhom jiddaħħlu fit-termini finali.

3. L-informazzjoni msemmija bħala “Kategorija C” fl-Annessi 14, 16 sa 19, 22, 23, 31, 33 u 35 ta' dan ir-Regolament għandha tiddaħħal fit-termini finali, sakemm ma tkunx magħrufa fil-ħin tal-approvazzjoni tal-prospett bażi, f'liema każ tista' tiddaħħal f'dak il-prospett bażi minflok.”;

(18) fl-Artikolu 37, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq bażi ta' każ b'każ u minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/1129, jeħtieġu li ċerta informazzjoni pprovduta fl-abbozz tal-prospett tiġi inkluża fis-sommarju.”;

(19) jitħassar l-Artikolu 40;

(20) l-Artikolu 42 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) il-lista ta' kontroreferenzi, jekk mitluba mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikoli 25a u 28k ta' dan ir-Regolament, jew meta ppreżentata fuq inizzjattiva proprja;”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Meta dokument tar-reġistrazzjoni universali li jiġi ffallat mingħajr approvazzjoni minn qabel ikun annotat fil-marġni skont l-Artikolu 25a(3), dan għandu jkun akkumpanjat minn verżjoni identika mingħajr annotazzjonijiet fil-marġni”;

(21) jiddaħħal l-Artikolu 45a li ġej:

*“Artikolu 45a*

**Skeda ta' żmien għall-approvazzjoni ta' prospett**

1. Awtorità kompetenti li tinforma lil emittent, offerent jew persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat li abbozz tal-prospett ma jissodisfax l-istandards ta' kompletezza, komprensibbiltà u konsistenza

meħtieġa għall-approvazzjoni tiegħu, jew li titlob bidliet jew informazzjoni supplimentari, tista' tiddeċiedi jekk timponix skadenza jew le għal dak l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat biex jissottomettu abbozz ta' prospett aġġornat.

Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li timponi skadenza, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, dik l-awtorità kompetenti għandha ttiprovdi lil tali emittent, offerent jew persuna li titlob ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat tal-inqas 10 ijiem tax-xogħol għas-sottomissjoni ta' abbozz ta' prospett aġġornat. Meta l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat ma jkunx issottometta abbozz ta' prospett aġġornat sa dik l-iskadenza, l-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta l-approvazzjoni tal-prospett.

L-iskadenza stabbilita fit-tieni subparagrafu għandha tiġi estiża għal perjodu sa 10 ijiem tax-xogħol, dment li l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat titlob dik l-estensjoni bil-miktub lill-awtorità kompetenti.

2. Skont l-Artikolu 20(11), il-punt (c) tar-Regolament ((UE) 2017/1129, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20, il-paragrafi 2, 3, 4, 6 u 6a ta' dak ir-Regolament, u għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi fi żmien 90 jum tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni inizjali għall-approvazzjoni ta' abbozz ta' prospett jekk tapprovax dak il-prospett. Jekk l-iskrutinju ta' prospett jaqbeż dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha tieqaf tirrieżamina l-prospett mingħajr ma tapprovah, u għandha tinnotifika lill-emittent, lill-offerent jew lill-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat kif xieraq.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-iskeda ta' żmien imsemmija f'dak il-paragrafu għandha tkun ta' 100 jum tax-xogħol meta l-abbozz tal-prospett jiġi sottomess għall-approvazzjoni minn SME.

4. L-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu estiżi għal perjodu sa 30 jum tax-xogħol, dment li l-emittent, l-offerent jew il-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat titlob dik l-estensjoni bil-miktub lill-awtorità kompetenti.

5. Jekk prospett ikun jikkonsisti f'dokumenti separati, il-perjodi msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jibdeu mal-wasla tal-applikazzjoni inizjali għall-approvazzjoni tal-abbozz tan-nota dwar it-titoli.

6. Il-paragrafi 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw għal dokument tar-reġistrazzjoni universali li jitfassal f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2017/1129.”;

- (22) il-“Lista ta' Annessi” hija emendata f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (23) l-Anness 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (24) l-Anness 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (25) l-Anness 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

- (26) l-Anness 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa sostitwit bit-test fl-Anness V ta' dan ir-Regolament;
- (27) jitħassar l-Anness 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980;
- (28) l-Anness 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa sostitwit bit-test fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament;
- (29) l-Anness 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa emendat f'konformità mal-Anness VII ta' dan ir-Regolament;
- (30) l-Anness 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa emendat f'konformità mal-Anness VIII ta' dan ir-Regolament;
- (31) l-Anness 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa sostitwit bit-test fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament;
- (32) l-Anness 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa emendat f'konformità mal-Anness X ta' dan ir-Regolament;
- (33) l-Anness 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa sostitwit bit-test fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament;
- (34) l-Anness 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa sostitwit bit-test fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament;
- (35) it-test fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament jiddaħħal bħala l-Anness 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980;
- (36) l-Anness 17 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa emendat f'konformità mal-Anness XIV ta' dan ir-Regolament;
- (37) l-Anness 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa emendat f'konformità mal-Anness XV ta' dan ir-Regolament;
- (38) l-Anness 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa emendat f'konformità mal-Anness XVI ta' dan ir-Regolament;
- (39) l-Anness 28 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980 huwa emendat f'konformità mal-Anness XVII ta' dan ir-Regolament;
- (40) it-test fl-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament jiddaħħal bħala l-Anness 23 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/980.

#### *Artikolu 2*

#### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7.5.2026

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*